MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 237/2006

**M.Demajo (Timbers) Limited**

***versus***

**Joe Demicoli**

Il-Qorti;

Rat l-att tac-citazzjoni tal-attrici illi s-socjetà rikorrenti hija kreditrici ta' l-intimat fis-somma ta' tmint elef sitt mija u tnejn u tmenin Liri Maltin u erbghin centezmu (Lm 8, 682.40) rapprezentanti prezz ta' njam mibjugh u kkonsenjat mis-socjetà rikorrenti lill-intimat, kif jidher mill-prospett anness u mmarkat Dok.A;

Illi minkejja interpellat ihallas dan l-ammont, l-intimat baqa' inadempjenti;

Illi dana d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjetà rikorrenti l-intimat m'ghandux risposta x'jaghti;

Illi s-socjetà rikorrenti titlob bir-rispett kollu illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet fuq premessi:

Illi taqta u tiddeciedi r-rikors a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe bid-dispensa tas-smigh;

Tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjetà rikorrenti s-somma ta' tmint elef sitt mija u tnejn u tmenin Liri Maltin u erbghin centezmu (Lm 8,682.40) dovuta kif fuq inghad;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra legali datata 16 ta' Dicembru, 2005 u tas-Sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment ma dan ir-rikors u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimat ingunt minn issa biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-attrici;

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

**Fuq ammissjoni tal-konvenut, tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------